IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.10.2017
COM(2017) 476 final

NOTE
This language version reflects the corrections done to the original EN version transmitted under COM(2017) 476 final of 13.9.2017 and retransmitted (with corrections) under COM(2017) 476 final/2 of 4.10.2017

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Nagħmlu l-aħjar użu min-NIS – lejn l-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva (UE) 2016/1148 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni

MT

Introduzzjoni

Id-Direttiva (UE) 2016/1148 dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni[1] (minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-Direttiva NIS" jew "id-Direttiva") adottata fis-6 ta' Lulju 2016 hi l-ewwel leġiżlazzjoni orizzontali tal-UE li tindirizza l-isfidi taċ-ċibersigurtà u hi trasformazzjoni ġenwina fir-reżiljenza u l-koperazzjoni fl-Ewropa fil-qasam taċ-ċibersigurtà.

It-tliet għanijiet ewlenin tad-Direttiva huma li:

- Ittejjeb il-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà nazzjonali;
- Tibni koperazzjoni fil-livell tal-UE; u
- Tippromwovi kultura ta' ġestjoni tar-riskji u rappurtar tal-inċidenti fost l-atturi ekonomiċi ewlenin, l-aktar fost l-operaturi li jipprovdu servizzi essenzjali (OES) għall-manteniment ta' attivitajiet ekonomiċi u soċjetali u l-Fornituri tas-Servizzi Diġitali (id-DSPs).

Id-Direttiva NIS hi pedament tar-rispons tal-UE għat-theddid u l-isfidi ċibernetiċi dejjem jikbru li ġġib magħha d-diġitalizzazzjoni tal-ħajja ekonomija u soċjetali tagħna, u għaldaqstant l-implimentazzjoni tagħha hi parti essenzjali mill-pakkett taċ-ċibersigurtà ppreżentat fit-13 ta' Settembru 2017. L-effikaċja ta' dan ir-rispons tal-UE tkun dgħajfa jekk id-Direttiva NIS ma tkunx trasposta bis-sħiħ fl-Istati Membri kollha tal-UE. Dan jitqies bħala punt kritiku fil-Komunikazzjoni tal-2016 tal-Kummissjoni dwar it-Tisħiħ tas-Sistema Ewropea tar-Reżiljenza Ċibernetika[2].

In-novità d-Direttiva NIS u l-urġenza li jiġi indirizzat ix-xenarju li tant qed jevolvi tat-theddid ċibernetiku jeżiġuna nagħtu ċertu attenzjoni partikolari lill-isfidi li jkollhom l-atturi kollha biex jiżguraw li t-traspożizzjoni tad-Direttiva tkun effikaċi u ssir fil-ħin. Peress li t-traspożizzjoni għandha ssir sad-9 ta' Mejju 2018 u l-operaturi tas-servizzi essenzjali għandhom jiġu identifikati sad-9 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni qed tappoġġa l-proċess tat-traspożizzjoni fl-Istati Membri u l-ħidma tagħhom fil-Grupp ta' Koperazzjoni għal dan il-għan.

Din il-Komunikazzjoni u l-Anness tagħha huma bbażati fuq il-ħidma preparatorja tal-Kummissjoni u analiżi relatata mal-implimentazzjoni s'issa tad-Direttiva NIS, fuq l-input tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (l-ENISA) u fuq id-diskussjonijiet li saru mal-Istati Membri fil-fażi tat-traspożizzjoni tad-Direttiva, notevolment fi ħdan il-Grupp ta' Koperazzjoni[3]. Din il-Komunikazzjoni tikkumplimenta l-isforzi konsiderevoli li saru s'issa, l-aktar permezz ta':

[1] Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni. Id-Direttiva daħlet fis-seħħ fit-8 ta' Awwissu 2016.
[2] COM(2016) 410 final.
[3] Mekkaniżmu għal koperazzjoni strateġika bejn l-Istati Membri skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva NIS.

- Il-ħidma intensiva tal-Grupp ta' Koperazzjoni, li sab ftehim fuq pjan ta' ħidma ffukat l-aktar fuq it-traspożizzjoni tad-Direttiva NIS, u b'mod partikolari fuq il-kwistjoni tal-identifikazzjoni tal-operaturi tas-servizzi essenzjali u l-obbligi tagħhom fejn jidħlu r-rekwiżiti tas-sigurtà u n-notifiki tal-inċidenti. Filwaqt li d-Direttiva tipprevedi diskrezzjoni fit-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-operaturi tas-servizzi essenzjali, l-Istati Membri għarfu l-importanza ta' approċċ armonizzat f'dan ir-rigward[4].
- It-twaqqif u t-tħaddim malajr tan-Netwerk ta' Skwadri tar-Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters (CSIRTs) skont l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva. Minn dak iż-żmien 'l hawn, dan in-Netwerk beda jifrex il-pedamenti għal koperazzjoni operazzjonali strutturata fil-livell Ewropew.

Għal-livell ta' politika u għal-livell operazzjonali li qed jirrappreżentaw dawn iż-żewġ strutturi, hemm bżonn l-impenn sħiħ tal-Istati Membri kollha biex jintlaħaq l-għan ta' livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni fl-Unjoni.

Din il-Komunikazzjoni u l-Anness tagħha se jsaħħu dawn l-isforzi għax se jiġbru u jqabblu l-aqwa prattiki tal-Istati Membri li huma rilevanti għall-implimentazzjoni tad-Direttiva, billi jipprovdu aktar gwida dwar il-mod kif għandha tiġi implimentata d-Direttiva u jagħtu spjegazzjonijiet aktar dettaljati dwar ċertu dispożizzjonijiet speċifiċi. L-għan ġenerali hu jingħata appoġġ lill-Istati Membri ħalli l-implimentazzjoni tad-Direttiva NIS madwar l-UE tkun effettiva u armonizzata.

Din il-Komunikazzjoni se tiġi kkumplimentata iżjed bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li se joħroġ dwar speċifikazzjoni ulterjuri tal-elementi u l-parametri relatati mar-rekwiżiti tas-sigurtà u tan-notifika tal-inċidenti għal fornituri tas-servizzi diġitali, skont l-Artikolu 16(8) tad-Direttiva NIS. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni se jiffaċilita l-implimentazzjoni tad-Direttiva fejn jidħlu l-obbligi tal-fornituri tas-servizzi diġitali[5].

Din il-Komunikazzjoni tippreżenta l-konklużjonijiet ewlenin tal-analiżi tal-kwistjonijiet meqjusin bħala punti ta' referenza importanti u ispirazzjoni potenzjali mil-lat ta' traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali. Hawnhekk, l-enfasi ewlenija qed issir fuq id-dispożizzjonijiet relatati mal-kapaċitajiet tal-Istati Membri u mal-obbligi tal-entitajiet li qegħdin fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. L-Anness jipprovdi eżami aktar dettaljat tal-oqsma li l-Kummissjoni tqis li hu ferm importanti li jingħataw gwidi prattiċi dwar it-traspożizzjoni li jkun fihom spjegazzjoni u l-interpretazzjoni tagħha ta' ċertu dispożizzjonijiet tad-Direttiva, u bi preżentazzjoni tal-aqwa prattiki u tal-esperjenza miksuba s'issa b'din id-Direttiva.

[4] Bħalissa, il-Grupp ta' Koperazzjoni qed jaħdem fuq dokumenti gwida ta' referenza li fost l-oħrajn jikkonċernaw: il-kriterji li jiddefinixxu l-kritikalità ta' operatur skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva; iċ-ċirkostanzi meta l-operaturi tas-servizzi essenzjali jeħtieġ jinnotifikaw l-inċidenti skont l-Artikolu 14(7) tad-Direttiva; u r-rekwiżiti tas-sigurtà għall-operaturi tas-servizzi essenzjali, b'mod konformi mal-Artikoli 14(1) u 14(2).

[5] L-abbozz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni qiegħed għall-konsultazzjoni pubblika fuq https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say_mt

Għal implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva NIS

Id-Direttiva NIS għandha l-għan li tilħaq livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni fl-UE. Dan ifisser li titjieb is-sigurtà tal-internet u tas-sistemi privati tan-netwerks u tal-informazzjoni li jirfdu l-funzjonament tas-soċjetajiet u tal-ekonomiji tagħna. L-ewwel element importanti f'dan ir-rigward hu l-istat ta' tħejjija tal-Istati Membri; dan għandu jkun żgurat billi jkollhom fis-seħħ strateġiji nazzjonali dwar iċ-ċibersigurtà, kif deskritt fid-Direttiva, bil-ħidma tas-CSIRTs, u bil-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Il-komprensività tal-istrateġiji nazzjonali

Hu importanti li l-Istati Membri jaħtfu l-opportunità tat-traspożizzjoni tad-Direttiva NIS biex jirrevedu l-istrateġija nazzjonali tagħhom dwar iċ-ċibersigurtà fid-dawl tan-nuqqasijiet, l-aqwa prattiki u l-isfidi l-ġodda li jindirizza l-Anness.

Wieħed jifhem li d-Direttiva tiffoka fuq il-kumpaniji u s-servizzi li għandhom importanza kritika partikolari, iżda hija ċ-ċibersigurtà tal-ekonomija u s-soċjetà kollha kemm huma li jeħtieġ tiġi indirizzata b'mod ħolistiku u konsistenti, minħabba d-dipendenza dejjem akbar fuq l-ICT. Għalhekk bl-adozzjoni ta' strateġiji nazzjonali komprensivi li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi tad-Direttiva NIS (jiġifieri li jkopru aktar mis-setturi u s-setturi msemmija rispettivament fl-Anness II u III tad-Direttiva) jiżdied il-livell ġenerali tas-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni.

Iċ-ċibersigurtà għadha qasam ta' politika pubblika relattivament ġdid u li qed jikber malajr, għalhekk f'ħafna mill-każijiet hemm bżonn isiru investimenti ġodda, anke jekk is-sitwazzjoni ġenerali tal-finanzi pubbliċi titlob tnaqqis u ffrankar. Għaldaqstant biex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva, iridu jittieħdu deċiżjonijiet ambizzjużi li jiżguraw riżorsi finanzjarji u umani xierqa li huma indispensabbli għall-implimentazzjoni effettiva tal-istrateġiji nazzjonali, fosthom riżorsi biżżejjed għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u għas-CSIRTs.

L-effikaċja tal-implimentazzjoni u l-infurzar

Il-bżonn li jiġu nnominati l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-punti uniċi ta' kuntatt rispettivi hu spjegat fl-Artikolu 8 tad-Direttiva, u dan hu element ewlieni biex tkun żgurata implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva NIS u tal-koperazzjoni transfruntiera. Dwar dan, ħareġ fid-dieher li l-Istati Membri qed iħaddmu kemm approċċi aktar ċentralizzati u anki approċċi aktar deċentralizzati Meta l-Istati Membri jadottaw approċċ aktar deċentralizzat fir-rigward tan-nomina tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, hu ferm importanti li dawn jiżguraw arranġamenti sodi ta' koperazzjoni bejn id-diversi awtoritajiet u l-punt uniku ta' kuntatt (*ara t-Tabella 1 tat-Taqsima 3.2. tal-Anness*). Dan iżid l-effikaċja tal-implimentazzjoni u jiffaċilita l-infurzar.

L-esperjenza preċedenti fejn tidħol il-Protezzjoni tal-Infrastrutturi ta' Informazzjoni Kritika (is-CIIP) tista' tgħin biex jitfassal l-aħjar mudell ta' governanza għall-Istati Membri, u jkunu żgurati implimentazzjoni settorjali effikaċi tad-Direttiva NIS u approċċ orizzontali koerenti (*ara t-Taqsima 3.1 tal-Anness*).

Jissaħħu l-kapaċitajiet tas-CSIRTs nazzjonali

Bħalma jistipula l-Artikolu 9 tad-Direttiva NIS, jekk is-CSIRTs nazzjonali madwar l-UE ma jkunux effettivi u ma jkollhomx ir-riżorsi xierqa, l-UE se tibqa' dgħajfa wisq fejn jidħol it-theddid ċibernetiku transfruntier. Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jwessgħu l-ambitu tas-CSIRTs lil hinn mis-setturi u s-servizzi inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (*ara t-Taqsima 3.3 tal-Anness*). B'dan il-mod, is-CSIRTs nazzjonali jkunu jistgħu jipprovdu appoġġ operazzjonali għall-inċidenti ċibernetiċi li jseħħu f'kumpaniji u organizzazzjonijiet li mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, iżda huma importanti wkoll għas-soċjetà u l-ekonomija. Minbarra dan, l-Istati Membri jistgħu jisfruttaw bis-sħiħ l-opportunitajiet ta' finanzjament addizzjonali li joffri l-programm tal-Infrastrutturi tas-Servizzi Diġitali taċ-Ċibersigurtà li tħaddem il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (is-CEF), imfassal biex issaħħaħ il-kapaċitajiet tas-CSIRTs nazzjonali u l-koperazzjoni ta' bejniethom (*ara t-Taqsima 3.5 tal-Anness*).

Il-konsistenza tal-proċess tal-identifikazzjoni tal-operaturi tas-servizzi essenzjali

Skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva NIS, l-Istati Membri għandhom sad-9 ta' Novembru 2018 biex jidentifikaw l-entitajiet li se jitqiesu bħala operaturi tas-servizzi essenzjali. B'rabta ma' dan il-kompitu, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jużaw b'mod konsistenti d-definizzjonijiet u l-gwida inklużi f'din il-Komunikazzjoni ħalli jkun żgurat li l-istess tip ta' entitajiet li jaqdu rwol simili fis-suq intern jiġu identifikati b'mod konsistenti bħala operaturi tas-servizzi essenzjali fi Stati Membri oħra. L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw ukoll li jwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva NIS għall-amministrazzjonijiet pubbliċi, minħabba r-rwol li dawn jaqdu għas-soċjetà u l-ekonomija kollha kemm huma (*ara t-Taqsimiet 2.1. u 4.1.3 tal-Anness*).

Hu tassew utli li l-approċċi nazzjonali tal-identifikazzjoni tal-operaturi tas-servizzi essenzjali jiġu allinjati kemm jista' jkun possibbli, notevolment skont il-gwida tal-Grupp ta' Koperazzjoni (*ara t-Taqsima 4.1.2 tal-Anness*) għax dan l-allinjament iwassal għal applikazzjoni aktar armonizzata tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva u b'hekk jonqos ir-riskju ta' frammentazzjoni tas-suq. Meta l-operaturi tas-servizzi essenzjali jkunu jipprovdu servizzi essenzjali f'żewġ Stati Membri jew aktar, hu ferm importanti li jsir kull sforz biex jintlaħaq ftehim bejn l-Istati Membri, fil-kuntest tal-proċess ta' konsultazzjoni skont l-Artikolu 5(4) dwar l-identifikazzjoni konsistenti tal-entitajiet (*ara t-Taqsima 4.1.7 tal-Anness*), għax dan jevita trattament regolatorju differenti tal-istess entità skont ġurisdizzjonijiet ta' Stati Membri differenti.

Il-preżentazzjoni ta' informazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-identifikazzjoni tal-operaturi tas-servizzi essenzjali

Skont l-Artikolu 5(7), l-Istati Membri jeħtieġ jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar il-miżuri nazzjonali li jippermettu l-identifikazzjoni tal-operaturi tas-servizzi essenzjali, il-lista tas-servizzi essenzjali, l-għadd ta' operaturi tas-servizzi essenzjali identifikati u r-rilevanza ta' dawn l-operaturi għas-settur. Barra minn hekk, l-Istati Membri jeħtieġ jipprovdu l-limiti, meta dawn ikunu jeżistu, li ntużaw fil-proċess tal-identifikazzjoni biex jinstab il-livell ta' provvista rilevanti jew l-importanza ta' operatur partikolari għaż-żamma ta' livell

suffiċjenti ta' provvista. L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw ukoll li jaqsmu mal-Kummissjoni l-listi tal-operaturi tas-servizzi essenzjali identifikati, u jekk meħtieġ b'mod kunfidenzjali, għax dan jgħin biex jitjiebu l-preċiżjoni u l-kwalità tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni (*ara t-Taqsimiet 4.1.5. u 4.1.6. tal-Anness*).

Approċċi allinjati għar-rekwiżiti tal-operaturi tas-servizzi essenzjali fejn jidħlu s-sigurtà u n-notifika tal-inċidenti

Fir-rigward tal-obbligi tal-operaturi tas-servizzi essenzjali fejn jidħlu r-rekwiżiti tas-sigurtà u n-notifiki tal-inċidenti (l-Artikolu 14(1), (2) u (3)), approċċ allinjat għar-rekwiżiti tas-sigurtà u n-notifiki tal-inċidenti li jiffaċilita l-konformità tal-operaturi tas-servizzi essenzjali bejn il-fruntieri tal-Istati Membri tal-UE, jippromwovi kemm jista' jkun effett ta' suq uniku. Dwar dan, ir-referenza tibqa' l-ħidma fuq dokument gwida fi ħdan il-Grupp ta' Koperazzjoni (*ara t-Taqsimiet 4.2. u 4.3. tal-Anness*).

Jekk iseħħu inċidenti ċibernetiċi fuq skala kbira li jaffettwaw lil bosta Stati Membri, hu probabbli ħafna li n-notifika obbligatorja tal-inċidenti ssir mill-operaturi tas-servizzi essenzjali jew mill-fornituri tas-servizzi diġitali skont l-Artikoli 14(3) u 16(3) jew minn entità oħra li mhix fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva b'mod volontarju skont l-Artikolu 20(1). B'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar Rispons Koordinat għal Inċidenti u Kriżijiet taċ-Ċibersigurtà fuq Skala Kbira, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jallinjaw l-approċċi nazzjonali tagħhom biex ikunu jistgħu jipprovdu informazzjoni rilevanti malajr kemm jista' jkun, abbażi ta' dawk in-notifiki, lill-awtoritajiet kompetenti jew lis-CSIRTs tal-Istati Membri l-oħra kkonċernati. Informazzjoni preċiża u azzjonabbli hi indispensabbli biex jonqos l-għadd ta' infezzjonijiet jew biex jingħelbu d-dgħjufijiet qabel ma dawn jiġu sfruttati.

Fl-ispirtu ta' sħubija biex tagħmel l-aħjar użu mid-Direttiva NIS, il-Kummissjoni beħsiebha żżid l-appoġġ bil-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-partijiet konċernati rilevanti kollha skont din il-leġiżlazzjoni. Filwaqt li l-enfasi saret fuq il-bini tal-kapaċitajiet tas-CSIRTs u fuq it-twaqqif ta' pjattaforma għal koperazzjoni operazzjonali malajr u effettiva, biex b'hekk jissaħħaħ in-Netwerk tas-CSIRTs, il-Kummissjoni issa se tesplora kif anki l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-operaturi tas-servizzi essenzjali u l-fornituri tas-servizzi diġitali jistgħu jibbenefikaw minn finanzjament tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

Konklużjoni

Minħabba l-iskadenza imminenti tat-traspożizzjoni tad-Direttiva NIS fil-leġiżlazzjoni nazzjonali sa mhux aktar tard mid-9 ta' Mejju 2018, u l-iskadenza għall-identifikazzjoni tal-operaturi tas-servizzi essenzjali sad-9 ta' Novembru 2018, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet u l-mudelli ta' koperazzjoni tad-Direttiva NIS jistgħu jipprovdu l-aqwa għodod possibbli fil-livell tal-UE biex jinkiseb livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni fl-Unjoni kollha. Matul dan il-proċess, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri biex jikkunsidraw l-informazzjoni rilevanti, il-gwidi u r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu f'din il-Komunikazzjoni.

Din il-Komunikazzjoni tista' tiġi ssupplimentata b'azzjonijiet oħra, fosthom dawk maħluqa bil-ħidma għaddejja fi ħdan il-qafas tal-Grupp ta' Koperazzjoni.